KUNSILL LOKALI
GĦASRI

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 20**

Il-Ġimgħa, 28 ta' Novembru 2025

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fl-4:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 20A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 20.1 Talba

20.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 20.2 Ittri ta' Apoloġija

20.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 20.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

20.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa numru 18 u 19 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 20.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

20.4.1 *Email* mingħand l-*Events In Gozo* datata 4 ta' Novembru 2025 rigward l-attivitajiet tal-Għid 2026, sabiex sal-20 ta' Diċembru 2025 tintbagħat lista tal-attivitajiet li ser isiru.

20.4.2 *Email* mingħand il-*Global Payments* datata 13 ta' Novembru 2025 sabiex jiġu *updated* r-rekords tal-kunsill min-naħa tagħhom. Is-Sindku rrimarka li għandhom jiġu kkuntatjati sabiex tingħata informazzjoni ulterjuri għal-liema sistema huma joffru servizz lill-kunsill.

20.4.3 *Email* mingħand Malta Crafts datata 27 ta' Novembru 2025 fejn fit-13 ta' Diċembru 2025 ser issir attività f'Ta' Dbieġi għat-tfal. Il-Viċi Sindku Sammy Saliba ppropona li jinħareġ avviż sabiex min hu interessat li jattendi jinkiteb il-kunsill u l-kunsill jipprovdi t-trasport. Il-kunsilliera qablu ma tali proposta.

20.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li kien mexxa *email* mingħand il-LESA datata 25 ta' Ottubru 2025 rigward Proġetti fil-Komunitajiet – Programm 2024-2026. Huwa rrimarka li l-iskema tagħlaq fil-5 ta' Diċembru 2025 u li s'issa ma tressqet l-ebda proposta ta' proġett. Peress li fadal ġimgħa biss qabel l-għeluq tal-iskema, jekk ikun hemm xi proposta s-Segretarju Eżekuttiv ser jagħmel l-almu tiegħu sabiex, jekk possibbli, japplika fil-ħin.

20.4.5 Is-Sindku rrimarka li l-kunsill bħalissa m'għandux poġetti għaddejjin u saqsa rigward l-applikazzjoni tad-devoluzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li mid-Dipartiment kienu bagħtu *email* b'rekwiżiti neqsin u li fosthom hemm l-*accounts* tal-aħħar sena. Issa li tlestew l-*accounts* tas-sena 2023 huwa ser jerġa jipprova jibgħat l-applikazzjoni lid-dipartiment u jispjega s-sitwazzjoni.

20.4.6 Is-Sindku informa lill-kunsilliera li wara ż-żjara tiegħu fiċ-Ċina huwa ġie infurmat li ser ikun hemm invit uffiċjali lill-kunsill sabiex jiġi ffirmat il-*Memorandum of Understanding* mal-belt ta' Nanjing fiċ-Ċina f'Marzu 2026. Ġie rrimarkat li dan huwa l-bidu formali li jista' jwassal għall-ġemelleġġ però mhux il-ġemellaġġ per se. Is-sindku rrimarka li bejn ħamsa u tnax-il persuna jixtiequ jmorru ċ-Ċina u ssuġġerixxa li għandu jiġi mitkellem operatur minħabba prezzijiet ta' titjiriet u akkomodazzjoni. Informa wkoll li huwa mhux jippretendi kumpens mill-kunsill però għandu jkun hemm sussidju għar-residenti nteressati u kumpens għas-Segretarju Eżekuttiv u kunsilliera.

**20.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera**

20.5.1 Il-kunsillier Emanuel Mintoff saqsa jekk kienx hemm xi risposta fuq l-*embelishment* tal-pjazza. Is-Sindku rrimarka li ħadd ma rrisponda għall-*email* li ġiet mibgħuta minnu u lanqas għat-telefonati magħmula. Is-Sindku rrimarka li għandha terġa tintbagħat *email*.

20.5.2 Il-kunsillier Emanuel Mintoff saqsa sarx xi progress għal Triq Wied Sara. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li għadu qed jistenna risposta.

**20.6 Risposta għal *Management Letter* re sena finanzjarja 2023**

20.6.1 Is-Sindku rrimarka li hemm bżonn li jitranġaw il-figuri fil-*budgeting* peress li hemm ammonti li mhux qed issir żieda fihom u għalhekk għandhom bżonn jiġu *updated* sabiex dawn jirriflettu s-sitwazzjoni attwali.

20.6.2 Il-kunsilliera qablu mar-risposta għal *Management Letter* re sena finanzjarja 2023 u għalhekk din tista' tiġi ffirmata u tintbagħat lill-entitajiet konċernati.

**20.7 Attività: *Traditions: Wine, Olive Oil and Honey* 2026**

20.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għas-sena d-dieħla l-bands ikkonfermati huma Kurt Cassar, DCapitals u Kurt Calleja. Bħala DJ ser ikun hemm DJ Alex Grech.

**20.8 Attivitajiet / Rigali / *Hampers* – Milied 2025**

20.8.1 Il-Kunsilliera Liża Mintoff issuġġeriet li l-*hampers* din is-sena jingħataw lill-persuni li huma *over* 80. Il-kunsilliera qablu ma dan is-suġġeriment. Dawn ser jitqassmu fl-24 ta' Diċembru 2025 fl-4:00pm.

20.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġie magħżul rigal li jista' jingħata lil

dawk li jattendu għall-*play* tal-Milied u li jiswa qrib il-€5. Il-kunsilliera qablu li għandu jingħata dan ir-rigal.

20.8.3 Rigal b-Imħabba – Melodija ta' Ġenerożita – bħal kull sena ssir il-kampanja Rigal bi Mħabba. L-attività ser issir nhar Tlieta, 16 ta' Diċembru, ġewwa Villa Rundle. Il-kunsilliera qablu li għandna nipparteċipaw f'tali kampanja u jinxtraw xi rigali sa massimu ta' €100.

20.8.4 Il-kunsilliera qablu li nhar it-Tnejn, 29 ta' Diċembru 2025 issir il-ħarġa għal Malta u għandha titniżżel fl-avviż.

20.8.5 Il-kunsilliera qablu li l-ikla tal-Milied għall-kunsilliera u l-istaff tal-kunsill issir fl-10 ta' Jannar 2025.

## 20.9 Kalendarju 2026

20.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li ġew magħżula r-ritratti għall-kalendarju tas-sena 2026 u li ser jiġu ordnati 250 kopja.

## 20.10 Ġita / Safra 2026

20.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġie mitkellem operatur sabiex joffri xi pakketti għas-sena d-dieħla. Mill-ġiti msemmija u l-aħjar dati li ġew offruti hija l-ġita tal-Marche bejn il-5 ta' Settembru 2026 u it-12 ta' Settembru 2026. L-operatur ser joffri skont ta' €20 lill-kull persuna. Il-kunsilliera qablu li jissussidja ulterjormet din is-safra billi ma dawk l-€20 jingħata skont ulterjuri ta' €30.

## 20.11 Materji Oħra

20.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ġiet mibgħuta *email* datata 25 ta' Ottubru 2025 rigward is-servizz tal-*website* relatat mal-*Local Permits*. Skont l-informazzjoni mibgħuta dan is-servizz issa għandu jibda jiħallas mill-kunsill u l-iżgħar opzjoni hija dik ta' €2000 fis-sena. Skont laqgħa li kien hemm mad-Dipartiment tali spiża għandha tiġi rimborsata.

20.11.2 Waqt il-laqgħa mal-*Community Police*, l-uffiċjal tal-LESA rrimarka li jista' jingħata aċċess lill-LESA għall-cameras li ġew installati. Il-kunsilliera ma qablux ma tali suġġeriment.

20.11.3 Il-kunsilliera qablu li għandha tingħata s-somma ta' €100 għax-xiri ta' kotba għal-librerija.

20.11.4 Resident fi Triq il-Wilġa talab li jsiru *double yellow lines* quddiem ir-residenza tiegħu. Il-kunsilliera qablu li tali talba għandha tintbgħat lill-uffiċċjali ta' *Transport Malta.*

20.11.5 Resident fi Triq il-Knisja talab li jsiru *double yellow lines* quddiem ir-residenza tiegħu. Il-kunsilliera qablu li tali talba għandha tintbgħat lill-uffiċċjali ta' *Transport Malta.*

20.11.6 Ġie rrapurtat mill-ħaddiema li t-trakk għandu xi ħsarat. Il-kunsilliera qablu il dan għandu jittieħed għand *mechanic* sabiex jara xi ħsarat għandu sabiex jissewwew.

20.11.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rigward il-proposta ta' *one way* fi Triq Salvu Gambin, il-perit lesta l-pjanta u ġiet mgħoddija lil ta' Transport Malta u li ta' Transport Malta talbu xi modifiki oħra.

**20.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

20.12.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-18 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**20.13 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss**

20.13.1 Il-laqgħa ntemmet fil-5:00 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Diċembru 2025 fis-6:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar il-Erbgħa 17 ta' Diċembru 2025.

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Segretarju Eżekuttiv**